BirdLife MALTA

# Jekk japprova staġun tal-insib, il-Gvern ikun qed jgħaddi lin-nassaba biż-żmien u jirriskja li l-UE tiftaħ kawża oħra kontrih

## BirdLife Malta tirreaġixxi għar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis biex jinfetaħ staġun tal-insib għall-Pluviera u l-Malvizz

Jekk il-Gvern japprova l-ftuħ ta' staġun tal-insib għall-Pluviera u l-Malvizz, ikun qed jgħaddi lin-nassaba biż-żmien u jirriskja li l-Unjoni Ewropea (UE) tiftaħ kawża oħra kontra Malta.

Bi tweġiba għar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis biex jinfetaħ staġun tal-insib għall-Pluvieri u l-Imlievez, BirdLife Malta llum qed tirreaġixxi uffiċjalment għal dak li ħareġ mil-laqgħa ta' dan il-Kumitat li saret il-ġimgħa l-oħra, u li ssegwi l-verdett storiku mogħti x-xahar li għadda mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) li qatgħetha li Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġijiet tal-UE meta ppermettiet l-insib għall-għasafar tal-għana.

BirdLife Malta, li hija rappreżentata fuq il-Kumitat Ornis, kienet l-unika organizzazzjoni li vvutat kontra d-deroga li tippermetti l-insib. Tul il-laqgħa, li saret l-Erbgħa 25 ta' Lulju, BirdLife Malta fakkret lill-membri l-oħra tal-Ornis li s-sentenza tal-Qorti Ewropea fuq l-insib għall-għasafar tal-għana għandha implikazzjonijiet diretti fuq l-insib għal kull speċi oħra, speċjalment meta l-istess deroga li qed tiġi diskussa (dik tal-Pluviera u l-Malvizz) diġà hija soġġetta għal proċeduri ta' ksur.

Tul il-laqgħa, il-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) aġġornat ukoll lill-Kumitat Ornis dwar l-opinjoni mogħtija mill-Avukat Ġenerali li identifika numru ta' riskji li jġib miegħu l-ftuħ ta' staġun tal-insib din is-sena wara l-verdett tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Fost dawn ir-riskji li ġew identifikati hemm il-konklużjoni tal-Qorti Ewropea li l-użu ta' xbieki (clap-nets) mhux metodu selettiv ta' qbid għal żewġ raġunijiet: (i) li f'dawn ix-xbieki jistgħu jinqabdu għasafar oħrajn, u (ii) li dawn ix-xbieki jistgħu jaqbdu aktar għasafar milli huwa permess mill-kwoti stabbiliti. F'dan ir-rigward, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) irrakkomandat li għall-qbid tal-Pluviera u l-Malvizz jintużaw xbieki b'ħoloq akbar. Dwar dan, BirdLife Malta għamlitha ċara li hemm riskju li t-tkabbir tal-ħoloq tax-xbieki biex jiġi evitat il-qbid ta' għasafar iżgħar xorta ma jeliminax il-metodoloġija mhux selettiva, għax jistgħu jinqabdu għasafar protetti oħra tal-istess daqs jew ikbar mill-Pluvieri u l-Imlievez.



Dan ma jagħmel l-ebda ġustizzja lanqas mal-fatt li x-xbieki jibqgħu metodu effettiv ħafna ta’ qbid kif ikkonkludiet il-Qorti Ewropea fis-sentenza tagħha. Bl-istess mod dan hu elenkat iswed fuq l-abjad fid-Direttiva Ewropea tal-Għasafar bħala raġuni għaliex l-insib huwa projbit madwar l-Ewropa.

L-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) esprimiet ukoll il-preokkupazzjoni tagħha dwar l-ammont ta’ xbieki li se jintużaw matul l-istaġun, li l-verdett tal-Qorti Ewropea identifika bħala sors ta’ qbid aċċidentali ta’ annimali oħrajn – dak li hu magħruf bħala *bycatch*. Waqt li l-FKNK qed tirrakkomanda li dawn ix-xbieki jiġu mgħottija matul il-lejl, l-Awtorità kienet xettika kemm tali miżura tkun biżżejjed.

L-FKNK irrakkomandat ukoll li jkun hemm aktar infurzar, imma l-Kumitat għadu lanqas biss ikkonsulta mal-Korp tal-Pulizija jew ma’ xi awtorità oħra tal-infurzar dwar kif din il-ħtieġa se tiġi indirizzata. Il-verdett tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kkonkluda li l-fatt li 23% biss tan-nassaba sarulhom spezzjonijiet individwali mhux miżura adegwata biex ikun sodisfatt il-kriterju ta’ superviżjoni stretta kif rikjest mid-deroga.

BirdLife Malta esprimiet ukoll id-dubji serji tagħha dwar l-insistenza tal-FKNK li kull nassab liċenzjat f’Malta – inkluż dawk li sas-sena l-oħra kienu interessati biss fl-insib għall-għasafar tal-għana – din is-sena jingħata l-permess li jonsob għall-Pluviera u l-Malvizz. BirdLife Malta għamlitha ċara lill-Kumitat li fl-opinjoni tagħha dan ikun sempliċi paraventu għan-nassaba biex xorta waħda jonsbu għall-għasafar tal-għana illegalment. Din kienet ukoll waħda mir-raġunijiet għalfejn il-Kummissjoni Ewropea (KE) fetħet proċeduri ta’ ksur kontra Malta fl-2011 li diġà wasslu biex wissiet formalment lil Malta darbtejn fuq din l-istess kwistjoni. Il-Kummissjoni wissiet li kwalunkwe abbuż tul l-istaġun jista’ jwassalha biex terġa’ tieħu lil Malta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

Id-deċiżjoni finali issa tinsab unikament f’idejn il-Ministru tal-Ambjent u l-Prim Ministru. BirdLife Malta se tkompli ssemma’ leħinha u tressaq il-preokkupazzjonijiet tagħha sew quddiem il-Gvern kif ukoll quddiem il-Kummissjoni Ewropea. BirdLife Malta tibqa’ fiduċjuża li hekk kif is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għadha friska f’moħħ kulħadd, il-Gvern jirrevoka d-deċiżjoni li jinfetaħ staġun tal-insib f’Ottubru anke fid-dawl tal-preokkupazzjonijiet tal-Avukat Ġenerali u l-pariri ta’ BirdLife Malta li huma msaħħa bil-verdett tal-Qorti Ewropea.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org



**Ħoloq utli (agħfas biex tiftaħ):**

- Il-verdett tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar l-insib għall-għasafar tal-għana mogħti fil-21 ta' Ġunju 2018
- Stqarrija maħruġa mill-Qorti Ewropea biex tħabbar il-verdett
- Ir-reazzjoni inizjali ta' BirdLife Malta għall-verdett (Konferenza tal-aħbarijiet)
- Ir-reazzjoni inizjali ta' BirdLife Malta għall-verdett (Stqarrija)
- Il-kampanja #STOPTRAPPINGNOW ta' BirdLife Malta
- Il-proċeduri ta' ksur mibdija mill-UE dwar l-insib għall-Pluviera u l-Malvizz

**Ritratti mehmużin:**

1. Pluviera (Golden Plover) - Ritratt ta' BirdLife Malta
2. Malvizz (Song Thrush) - Ritratt ta' BirdLife Malta

